**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 4317/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**Vs**

**Dejan Krstevski**

**Illum 18 ta' Lulju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Dejan Krstevski**, iben missier u omm mhux magħrufa, imwieled il-Maċedonja fit-3 ta' Settembru 1989 u detentur ta' Passaport tal-Maċedonja ta' Fuq bin-Numru M0978486, talli fil-lejl ta' bejn it-2 ta' Ġunju 2024 u t-3 ta' Ġunju 2024, ġewwa Hostel On, Triq Sir Adrian Dingli u/jew fi bnadi oħra fil-gżejjer Maltin:

1. Bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Alice Dinewow Laurine kontra l-volontà tagħha, jew ta l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew isskewestrata;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, issoġġetta lil Alice Dinewow Laurine għal xi att ta' intimità fiżika u/jew talab favuri sesswali mingħand il-persuna msemmija;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) f'każ ta' ħtija u tul il-mori tal-proċeduri, minbarra mill-piena applikabbli, tapplika l-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-ħarsien ta' Alice Dinewow Laurine; (ii) f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-Liġi, tordna lil Dejan Krvstevski sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat, meta ġie mistoqsi x'jwieġeb għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, huwa ddikjara li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet hekk dedotti kontrih;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ġunju 2024 markati Dok. "A" sa' Dok. "C" a fol. 5 sa' 9 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' Laurine Paineau mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ġunju 2024[1] u x-xhieda ta' l-Ispettur Roderick Attard[2], ta' Tamara Sanchez Garcia[3], ta' Mostapha Assi[4] u ta' PS455 Gabriel Bugeja[5] mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ġunju 2024 u rat id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Roderick Attard markati Dok. "RA1" sa' DOk. "RA5" a fol. 24 sa' 29 tal-proċess u d-dokumenti esebiti minn Tamara Sanchez Garcia markati Dok. "TG1" u Dok. "TG2" a fol. 37 u 38 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Solene Delapas[6] u ta' l-imputat[7] mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Ġunju 2024;

Semgħet is-sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli fil-lejl ta' bejn it-2 ta' Ġunju 2024 u t-3 ta' Ġunju 2024, ġewwa Hostel On, Triq Sir Adrian Dingli u/jew fi bnadi oħra fil-gżejjer Maltin: (1) Bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Alice Dinewow Laurine kontra l-volontà tagħha, jew ta l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew isskewestrata; (2) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, issoġġetta lil Alice Dinewow Laurine għal xi att ta' intimità fiżika u/jew talab favuri sesswali mingħand il-persuna msemmija.

Huwa ddikjara li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

**Provi:**

**Laurine Paineau**[8], l-allegata vittma, iddikjarat illi hija kellha akkomodazzjoni ġo mini hotel, illi rriżulta li huwa Hostel On, iżda ma kenitx kuntenta bil-kamra li ġiet allokata lilha. Għalkemm kellha fethim mal-Hostel li tinbidlilha l-kamra, lanqas it-tieni kamra ma' kienet kuntenta biha u b'hekk bdiet tagħmel il-bagalji biex tmur toqgħod band' oħra. Fl-istess ħin tgħid illi kien l-allegat inċident li kienet involuta fih li wassalha biex titlaq mill-Hostel għaliex hemmhekk ma kenitx qed tħossha sigura. Paineau ddikjarat li meta kienet qed tipprepara l-bagalji tagħha, daħal individwu fil-kamra fejn kienet, liema kamra kellha sitt sodod, u dan il-persuna ukoll kien klijent tal-Hostel. Stqarret illi dan il-persuna kellu allokata għalih waħda mis-sitt sodod fil-kamra in kwistjoni. Meta daħal fil-kamra ħalla l-bieb miftuħ u beda jitkellem magħha iżda imbagħad, b'idu warajh, għalaq il-bieb mingħajr ma hija fehmet għalfejn. Stqarret ulterjorment illi *imbagħad wara li għalaq il-bieb kompla jitkellem miegħi fejn jiena għedtlu li ma nitkellimx Ingliż tajjeb. Jiena naħseb li huwa beda jipprova jitkellem bl-Ingliż imma kemm hu u kemm jiena ma nitkellmux tajjeb bl-Ingliż. Huwa resaq iktar*

[1] Fol. 11 sa' 16 tal-proċess.

[2] Fol. 19 sa' 23 tal-proċess.

[3] Fol. 30 sa' 36 tal-proċess.

[4] Fol. 39 sa' 46 tal-proċess.

[5] Fol. 47 sa' 50 tal-proċess.

[6] Fol. 53 sa' 57 tal-proċess.

[7] Fol. 58 sa' 60 tal-proċess.

[8] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ġunju 2024, fol. 11 sa' 16 tal-proċess.

*viċin tiegħi u kompla jitkellem miegħi imma sa' dak il-ħin m'għamel xejn partikolari. Is-Sinjur kien baqa' liebes, kien liebes shorts, u meta avviċinani huwa beda jħokk il-parti privata tiegħu waqt li kompla jitkellem miegħi u kien qiegħed jiċċassa lejja b'mod stramb. Jiena minħabba l-Ingliż batut tiegħi bdejt nirrepeti "I go, I go", biex nikkonvinċieh u bil-ġesti tiegħi ppruvajt infehmu biex iwarrab minn nofs sabiex inkun nista' noħroġ. Jiena bdejt  ripetutament bil-ġesti tiegħi nfehmu li jiena xtaqt noħroġ mill-kamra u dan aktar bil-ġesti milli bil-kliem. Il-mod kif kien bil-wieqfa bejn żewġ soddod ma ppermettilix li nkun nista' noħroġ għax kien qiegħed jimblukkali l-exit tiegħi, allura jiena ħassejtni fil-periklu u kkonvinċejt ruħi li aħjar ma nurihx li kont qed nibża. Allura ddeċidejt li nċempel lil ħija li joqgħod Franza, allura jiena kont naf li ħija ser jirrispondi minn Franza direttament u kont bi ħsiebni nispjegalu x'qed jiġri. Meta dan l-individwu nduna x'qed nagħmel jiena, cioè li kont qed inċempel, huwa resaq lura u kien hemm spazju biżżejjed biex jiena noħroġ ngħaġġel il-barra.* Stqarret li ħarġet mill-kamra u li marret lejn ir-reception iżda dak il-ħin ma kien hemm ħadd. Mistoqsija kemm dam dan l-inċident kollu, Paineau wieġbet *il-massimu ta' dan l-inċident kien madwar seba' minuti.* Hija tenniet li *s-sinjur ma kienx fuq is-sodda tiegħu, is-sinjur kien bil-wieqfa bejn żewġ soddod li fl-istess ħin kien qed jimblokka l-ħarġa tiegħi mill-kamra.* Mistoqsija kemm dam iħokk il-parti tiegħu l-imputat, hija wieġbet *jiena naħseb li dam jagħmel din il-ħaġa madwar sitta jew seba' sekondi forsi iktar. … Waqt li kien qed jagħmel din il-ħaġa kien qed jiċċassa lejja.*

Laurine Paineau stqarret li l-kamra fejn kienet, kienet *mixed*, jiġifieri takkomoda kemm nisa kif ukoll irġiel. Fir-rigward ta' dan il-persuna qalet li *jiena naħseb li r-reception kienu tawh sodda f'dik il-kamra imma minix ċertissima.* Żiedet tgħid illi ma kienx hemm kmamar għan-nisa biss iżda ma kenitx taf jekk kienx hemm kmamar għall-irġiel biss. Mistoqsija kif, ladarba ma setgħux jifhmu lil xulxin bil-lingwa, waslet għall-konklużjoni li kien hemm avvanzi sesswali da parte tiegħu lejha, hija wieġbet *għaliex huwa qagħad il-ħin kollu jħares lejja u jiċċassa lejja*, iżda qalet ukoll li huwa fl-ebda ħin ma missha. Kif ħarġet mill-kamra u ma sabet lil ħadd fir-reception, hija telgħet fis-sular ta' fuq u daħlet fit-toilets, fejn hemm kompliet it-telefonata tagħha. Mill-mument li ħarġet il-barra mill-kamra, hija ma tafx x'għamel jew x'ma għamilx l-imputat.

**L-Ispettur Roderick Attard**[9] xehed illi *nhar it-3 ta' Ġunju tal-2024, għall-ħabta ta' xis-siegħa u kwart kien ċempilli PS455 fejn dan kien infurmani illi kien hemm persuni li kienu talbu l-assistenza tal-Pulizija ġewwa On Hostel li jinsab Triq Sir Adrian Dingli tas-Sliema. Huwa stqarr ukoll illi l-Pulizija kienu rrikorrew fuq il-post fejn kienu tkellmu ma' certu Alice Dinewow Laurine, żagħżugħa Franċiża, fejn din kienet qaltilhom illi waqt li kienet qiegħda fil-kamra fejn kienet ibbukjat f'dan il-hostel, kien hemm raġel illi kien, l-ewwel kien kellimha għal xi ħin, imbagħad kien anke qagħad b'tali mod li hi ma tistax toħroġ mill-kamra, mill-hostel jiġifieri u anke beda jmiss il-parti tiegħu. Dan kollox … minn barra l-qalziet. Hija stqarret ukoll li aktar tard dik il-ġimgħa kellha ssiefer lura lejn Franza. Fuq dik l-informazzjoni jiena nfurmajt lis-Surġent 455 sabiex jarresta lill-persuna in kwistjoni fuq allegazzjoni ta' illegal arrest u anke sabiex jiġi interrogat u naraw daqsxejn id-dinamika tal-fatti. Dakinhar stess għall-ħabta tal-11:20 ta' filgħodu kont … bgħatt għaliha qabel kienet irrapportat l-għassa Laurine Alice Dinewow l-allegata vittma fejn kont ħadtilha stqarrija u din qalet, iddeskriviet lil Dejan Krstevski u qalet li dan għal xi ħin bdew jiċċettjaw, hija m'urietx interess fid-diskussjoni u għamlitlu, skond kliemha, biċ-ċar però dan f'ħin minnhom poġġa idejh wara dahru, peress li kellu dahru lejn l-entratura, u għalaq il-*

[9] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ġunju 2024, fol. 19 sa' 23 tal-proċess.

*bieb ta' fejn kienu qegħdin, tal-kamra fejn kienu qegħdin. Hija saħqet li dak il-ħin kienu huma it-tnejn biss u saħqet ukoll li huwa beda jogħrok il-parti tiegħu waqt li beda jħares lejha. … Sussegwentement, ftit wara, dakinhar stess, fit-3 ta' Ġunju ta' l-2024 ħadt stqarrija lil Dejan Krstevski, detentur tan-numru tal-passaport tal-Maċedonja ta' Fuq M0978486, fejn jiena staqsejtu x'kien qed jagħmel Malta, qalli jiena Malta ma naħdimx, qalli qiegħed hawn fuq vacation u dan bażikament innega dak kollu li saħqet it-tfajla Franċiża*[10]*. … Nhar id-9 ta' Ġunju tas-sena 2024, mort ukoll ġewwa l-On Hostel fejn skattajt xi ritratti, skattajthom jiena bil-mobile phone tiegħi, bgħatthom jiena lis-Sezzjoni tal-Fotografija, u nixtieq nesebixxi dan ir-ritratt li juri l-entratura tal-On Hostel, li kif għedt iktar kmieni jinsab ġewwa Sir Adrian Dingli ġewwa Tas-Sliema. … l-entratura hija twila forsi diversi metri, forsi it-tul ta' din l-awla tajjeb, fuq in-naħa tax-xellug hemm taraġ illi jagħti għal fuq, però l-inċident minn dak anke li ġie riferut lili u anke mill-informazzjoni li ksibt, ma kienx fuq iżda kien ground floor, l-ewwel kamra inti u dieħel fuq in-naħa tax-xellug. Però għall-fini ta' referenza nixtieq nesebih ukoll. Nixtieq nesebixxi wkoll dan ir-ritratt li juri erba' sodod ta' fejn ġara l-inċident. Huma hemm sitt sodod tajjeb, jiġifieri l-kamra hija kemm kemm ikbar mir-ritratt però ma stajtx nieħu ritratt tal-kamra kollha jiġifieri, jiena dħalt fiha l-kamra, jiġifieri l-kamra hija daqsxejn ikbar minn normal però xejn kbir u hemm sitt sodod, waħda fuq kull waħda. Jiġifieri tliet pari ta' sodod u fuqhom tlett pari ta' sodod oħra u dan ir-ritratt huwa proprju ta' fejn ġara l-inċident tal-kamra ta' fejn ġara l-inċident, liema kamra kien hemm tliet pari sodod u fuqhom kien hemm tlett pari sodod ohra, u b'kollox kien hemm sitt sodod fil-kamra* - ir-ritratti ġew markati Dok. "RA2" sa' Dok. "RA5" a fol. 26 sa' 29 tal-proċess.

L-Ispettur Roderick Attard żied jgħid li l-allegata vittma stqarret miegħu li fil-ħin ta' l-allegat inċident, fil-kamra kien hemm hi u l-imputat biss. Stqarret ukoll li *hi ma ċemplitx direttament lill-Pulizija biss però ċemplet lil ħabiba tagħha ta' nazzjonalità Franċiża. Din is-Sinjura, il-ħabiba tas-Sinjura in kwistjoni, ta' l-allegata vittma, kellmet lill-ħabib tagħha u kien huwa li ċempel eventwalment lill-Pulizija u li mar eventwalment fuq il-post biex jippikkja lis-Sinjura in kwistjoni mill-Hostel.*

In kontro-eżami l-Ispettur Attard iddikjara li meta ha d-dikjarazzjoni ta' l-allegata vittma, madwar tnax-il siegħa wara l-allegat inċident, hija kienet tidher kalma u komposta. Xehed ukoll li għalkemm hi u tagħti d-dikjarazzjoni tagħha ma nfaqatx tibki, *kien hemm element ta' biża'. Semmietli li dak il-ħin … għaliha kienet sitwazzjoni, kif spjegatli hi, sitwazzjoni awkward, ma ħassithiex komda u kien hemm anke element ta' biża'. … Kif kellimtha jien, jiena ma kellimthiex fuq l-akkadut biss. Jiena staqsejtha meta ġiet hawn Malta, meta ħa titlaq, u fost domandi oħrajn. Għad-domandi l-oħra kienet piuttost komposta u kalma però meta semmejtilha l-aċċident, l-allegat inċident li seħħ fil-lejl ta' qabel, uriet element ta' qisa, qaltli wkoll "jiena ħassejtni mhux komda, ħassejtni wkoll li jiġifieri kważi beżgħana" u ħassitha qisu li s-Sinjur għamel avvanz ta' … natura sesswali. … Ħassitha li qisha ma tistax toħroġ mill-kamra…* L-Ispettur xehed ukoll li għalkemm il-post huwa mgħammar b'CCTV cameras, il-Pulizija ma rnexxilhiex tottjeni kopja tal-filmat ta' dakinhar ta' l-allegat inċident.

**PS455 Gabriela Bugeja**[11] xehed illi *nhar it-2 ta' Ġunju ta' din is-sena* (ossia 2024) *għall-ħinijiet tal-ħdax ta' filgħaxija, daħlet telefonata ġewwa l-Għassa ta' Tas-Sliema minn post jismu Hostel On li qiegħed ġewwa Triq Sir Adrian Dingli Tas-Sliema, fejn dawn talbu l-assistenza tagħna minħabba li kien hemm xi raġel għalaq lil xi mara ġo*

[10] L-istqarrija ta' l-imputat ġiet esebita mill-Ispettur Roderick Attard bħala Dok. "RA1" a fol. 24 u 25 tal-proċess.

[11] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ġunju 2024, fol. 47 sa' 50 tal-proċess.

*xi kamra. Aħna morna fuq il-post. Fuq il-post iltqajt ma' ċertu Mustapha Assi kif ukoll mal-kwerelanta, Alice Dinewow Laurine. Mela, din qalet, stqarret mal-Pulizija, li kien hemm ċertu raġel maksili li dan sakkar il-bieb, mar ħdejha u beda jaqbad il-parti tiegħu u ma setgħetx toħroġ fejn imbagħad Marret din fuq Mostapha Assi, bdiet tgħidlu li ġara u dak infurma lill-Pulizija. U imbagħad jiena minn naħa tiegħi, rajt min kien dan ir-raġel li kien inzerta ċertu Dejan Krstevski u b'dan l-akkadut infurmajt lis-Sur Attard qabel, wara li dan Dejan tajtu d-drittijiet kollha tiegħu fejn infurmani li kellu open ticket sabiex isiefer u jista' jsarrfu sa' l-14 ta' Ġunju. Wara infurmajt lis-Sur Attard fejn ġie arrestat Dejan Krstevski, ġie mogħti d-drittijiet kollha tiegħu, ġie meħud l-għassa, irreġistrat fid-detainee book u mbagħad ġie meħuda ġewwa l-lock up tal-Pulizija.*

Fir-rigward ta' x'qaltlu l-allegata vittma is-Surġent Bugeja xehed li hija testwalment qaltlu *he closed the door of the room, he did not let me go out, then he approached me, he was very insistent, and he was grabbing his balls through his pants, he was very insistent, I called my brother in law on the phone and when he saw me on the phone, then I got out and I went to speak to the hostel staff and the staff called the police.* Dak dikjarat mill-allegata vittma ġie mnizzel minnu fir-rapport tal-Pulizija esebit bħala Dok. "B" a fol. 6 sa' 8 tal-proċess. In kontro-eżami s-Surġet stqarr li meta kellem lill-allegata vittma hija kienet *qisha naqra xxukkjata imma normali.*

**Tamara Sanchez Garcia**[12], li taħdem fl-On Hostel, xehdet li l-imputat u l-allegata vittma entrambe kienu alloġġjati fil-Hostel in kwistjoni. Entrambe kellhom *reservation* mill-1 ta' Ġunju 2024 sat-3 ta' Ġunju 2024[13] iżda, l-allegata vittma ma qagħditx il-perijodu kollu u di fatti dakinhar ta' l-allegat inċident, wara l-allegat inċident, hija telqet mill-Hostel. Fir-rigward ta' l-allegat inċident xehdet illi sa' fejn taf hi, l-imputat ipprova jmiss lill-allegata vittma. Murija r-ritratti esebiti mill-Ispettur Roderick Attard, hija kkonfermat li kienu ritratti ta' l-On Hostel u li r-ritratt li juri kamra bis-sodod huwa ritratt tal-kamra fejn kienu alloġġjati l-allegata vittma u l-imputat. L-allegata vittma kellha allokata lilha s-sodda numru 3, filwaqt li l-imputat kellu allokata lilu s-sodda numru 5. Fir-rigward tas-sistema ta' CCTV cameras, ix-xhud iddikjarat li dawn huma installati fil-partijiet komuni tal-Hostel iżda mhux fil-kmamar u filwaqt li taf li kien hemm xi problema bil-cameras dakinhar ta' l-allegat inċident, ma setgħetx tgħid jekk kienx hemm filmat disponibbli għal dakinhar.

**Mostapha Assi**[14] xehed illi huwa jospita tfalja Franċiża fir-residenza tiegħu u fit-2 ta' Ġunju 2024 għall-ħabta ta' l-10:40p.m. hija nfurmatu li rċeviet telefonata mingħand tfajla oħra li qaltilha li kellha bżonn l-għajnuna, u għalhekk staqsietu setgħax jospita lilha wkoll fir-residenza tiegħu. Meta staqsiha x'kienet il-problema din, testwalment qaltlu *the person is in hostel and a person was like, literally what she told me, verbally was, he was masturbating himself and there was close, he didn't let her go out and she escaped according to her brother.* Kif sema' hekk huwa inkwieta, qabdu l-karozza tiegħu u marru lejn il-Hostel biex jgħinu lil din it-tfalja. Fit-triqtu lejn il-Hostel, Mostapha Assi ċempel lill-Pulizija għall-assistenza. Kif waslu l-Hostel huwa tkellem ma' l-allegata vittma u meta rrakkuntatlu x'ġara huwa beda jħossu skomdu għar-reazzjoni inizjali tiegħu, fis-sens li hemm ħass li forsi kien ċempel lill-Pulizija malajr wisq, iżda dak il-ħin u skond ma kien infurmat inizjalment ħass li kellu jċempel lill-Pulizija.

---

[12] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ġunju 2024, fol. 30 sa' 36 tal-proċess.

[13] Il-bookings relattivi ġew esebiti bħala Dok. "TG1" u Dok. "TG2" a fol. 37 u 38 tal-proċess.

[14] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ġunju 2024, fol. 39 sa' 46 tal-proċess.

Mostapha Assi qara l-messaġġ li l-allegata vittma bagħtet lit-tfajla Franċiża li tgħix fir-residenza tiegħu, ċerta Solene, u l-messaġġ jgħid: *too bad, we cannot hear properly but I have just come back. … She said a strange guy … who is starting himself. He is not letting me go out. I was afraid but I found a solution by calling my brother. Luckily he hung up. I will give you my phone Whatsapp number. It is much simpler. Do you have a solution for me or do you know somebody trustworthy please? I am too much afraid to go to my room. I saw the way he touched himself and the way he looked at me. Closing the door. And he was getting close to me.* Assi stqarr li *she wrote in such a way as to mean help* u kompla jaqra l-messaġġ *I have to go back to my room to charge my telephone and I will leave very quickly from this unhappy place. I swear that I am still trembling. I don't know what to do and this is the first time this is happening to me.*

Assi insista li meta sar jaf eżatt x'ġara, huwa ħass li din is-sitwazzjoni kollha kienet iktar forma ta' *misunderstanding* bejn l-allegata vittma u l-imputat. Stqarr li l-ewwelnett il-Hostel in kwistjoni huwa *mixed Hostel* u l-kmamar ma humiex kbar ħafna u wieħed jistenna li meta perunsa tidħol fil-kamra fejn hi alloġġjata tagħlaq il-bieb tal-kamra warajha. Huwa żied illi meta l-allegata vittma marret fir-residenza tiegħu u kellimha ftit iktar bil-kwiet *she start to say that one day before she was not feeling confident in the hostel and she wrote on Facebook in Malta, in the French in Malta, if someone can receive her at home. She was already not comfortable in the Hostel. It was her feelings at the beginning if she was afraid of the Hostel after happen what's happen and the guy is very tall, he make afraid everyone. … she wanted to make a report, she didn't want to make a report because of the flight and I say, listen if you are aggressed really, it is not about the flight ticket, you know and after he was arrest and she didn't want. Even, she was not even sure of what she want to do.*

**Solene Delapas**[15] xehdet illi lill-allegata vittma kienet ilha tafha madwar erbgħa u għoxrin siegħa qabel ma seħħ l-allegat inċident u stqarret ulterjorment illi *meta iltqajt magħha hi qaltli li ma kinitx qiegħda safe fil-youth hostel. U ukoll hi bagħtitli messaġġ privat fuq Instagram fejn qaltli li kien ġara xi ħaġa fil-youth hostel. Hi qaltli li kien hemm raġel li beda jmiss il-parti tiegħu u ma kienx qed iħalliha tgħaddi, toħroġ u finalment, irnexxielha toħroġ mill-kamra imma għax ċemplet lil ħuha għaliex hi bdiet tgħidli li … dan baqa' jmiss il-parti tiegħu u tatni in-numru tat-telephone. … meta hi rnexxielha toħroġ mill-kamra billi ċemplet lil ħuha, issakret fit-toilet. Biex nispjega naqra ukoll, hi mbagħad marret fis-sala u bdiet tibgħatli l-messaġġi u bdiet tgħidli x'ġara. Jiena kont ili nafha erbgħa u għoxrin siegħa u ħassejt li kienet xi ħaġa normali li jiena ngħinha. Ċempiltilha u bdejna nitkellmu jekk kienx hemm xi soluzzjoni. Staqsietni jekk kienx possibli forsi torqod fl-istess dormitory room fejn kont qed norqod jiena għaliex hi ma kinitx qed tħossha iktar safe f'dan il-youth hostel fejn kienet u ma xtaqitx tibqa' hemmhekk. Jien għedtilha illi ma kinitx problema li hi toqgħod għandi però għedtilha li kien hemm bżonn illi jiena nitlob permess mingħand l-owner tal-Air BnB. Jiena spjegajt din is-sitwazzjoni lil owner, lis-sid tal-Air BnB u qalli li ma kinitx problema. … meta hi kkuntatjatni u qaltli li dan ir-raġel stranġier li kien qiegħed imiss il-parti tiegħu, jiena ħsibt li hi kienet qed tirreferi għal fatt li seta' kien qiegħed jimmasturba però ma kienx il-każ. Ir-raġel kien sempliċiment qed imiss il-parti tiegħu minn fuq il-ħwejjeġ u dan jista' sirt nafu wara u jiena spjegajt din il-ħaġa lis-sid tal-Air BnB u s-suġġeriment kien li aħjar inċemplu lil pulizja u jiena spjegajt din il-ħaġa lil Laurine u għedtilha,"Inti tixtieq li nċemplu lil*

---

[15] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Ġunju 2024, fol. 53 sa' 57 tal-proċess.

*pulizija?" u qaltli illi "qiegħda nibża' illi għax jiena ma tantx naf nikkomunika bl-Ingliż u li forsi qas se jemmnuni għax provi m'għandix". Is-sid jitkellem sew bl-Ingliż, ilu ħafna jgħix hawn Malta u kien se jgħin biex aħna nkunu nistgħu nikkomunikaw mal-pulizija. Imbagħad hi bagħtet l-indirizz tal-youth hostel by message u jiena u s-sid stajna mmorru ħdejha. Waqt li konna għadna fit-triq li sejrin, hi baqgħet tibgħatli l-messaġġi biex tgħidli d-dettalji ta' dak li kien ġara imma jiena ma lħaqtx rajt dawn il-messaġġi għax dak il-ħin jiena kont qed nitkellem mas-sid waqt it-triq u naraw kif se nsibu l-youth hostel u fit-triq stess is-sid ċempel lil pulizija biex jiġu fil-youth hostel. Malli wasalna, jiena kont l-ewwel waħda li dħalt fil-youth hostel. Iltqajt magħha, kienet fis-sala, tlajna magħha fil-kamra, shared room biex ngħinuha tiġbor l-affarijiet tagħha ħalli tkun tista' titlaq. Sadanittant is-sid kien qiegħed ifittex il-parking, ġie jiltaqa' magħna u kif wasal staqsa lil Laurine biex tispjega eżatti x'ġara. Mela, qed tirrakontali x'qalet Laurine meta bdiet tgħidilhom eżatt x'ġara. Dan kien filgħaxija, hi kienet qiegħda tiġbor l-affarijiet għax beħsiebha tbiddel il-kamra ta' fejn qiegħda torqod minħabba xi kwistjoni ta' saħħa. Waqt li hi kienet qiegħda tippakja l-bagalji, dan ir-raġel ġie fil-kamra tagħha. Din il-kamra fejn kienet qiegħda torqod hi, hija kamra mixed fejn ovjament ikn hemm iktar minn persuna waħda. Il-bieb kien miftuħ, ir-raġel beda jkellimha bl-Ingliż, b'mod ġentili. Hi irrispondiet b'mod edukat, … Bażikament poġġa fil-kamra, għalaq il-bieb, għalqu u poġġa lilu nnifsu bejn is-soddod qaltli għax is-soddod fi kmamar mixed ikunu waħda fejn waħda u qagħad in between. Hi kienet qiegħda tiġbor xi affarijiet minn hemmhekk. … Qaltli, li qed tgħidli li beda jitkellem bl-Ingliż. Hi l-Ingliż tagħha mhux tajjeb. Tbati ħafna biex titkellem, kienet għajjiena u qaltlu, "Jiena ma nafx nitkellem ħafna bl-Ingliż." Hu baqa' jitkellem għax jitkellem sew bl-Ingliż. Hi baqgħet tgħidlu li ma tafx titkellem bl-Ingliż u li kienet se tiltaqa' ma' xi ħbieb imma kienet gidba biex tipprova speċi ta' twaqqaf il-konverżazzjoni. Basically hu baqa' hemmhekk u fejn kien qiegħed qisu kien qed jibblokja fejn kienet hemmhekk qiegħda hi u f'mument minnhom beda jmiss il-parti tiegħu u jħokk il-parti tiegħu minn fuq il-ħwejjeġ, għax dik li qed tispeċifika kull darba, mhux minn taħt għax bil-Franċiż jinstema' l-istess is-sound imma kkonfermat li minn fuq il-ħwejjeġ. … hu kien liebes, ma kienx aggressive, hu ma missiex imma sempliċiment illi l-mod kif ġab ruħu huwa stramb u hi ma ħassitiex safe u komda eżatt. U f'dak il-mument kien li ċemplet lil ħuha biex tipprova ovjament u hu kif raha f'telefonata mill-ewwel resaq lura u telaq. U minn hemmhekk marret fit-toilet, għamlet xi ftit ħin magħluqa imma mbagħad minn hemm marret fil-hall fejn imbagħad aħna ltqajna magħha.*

**L-imputat**[16] xehed illi *fil-bidu jiena bbukjajt lejl wieħed għax kien għadni mhux deċiż jekk hux ħa nibqa' hemmhekk u l-kamra li bbukjajt jiena kienet qiegħda bbukjata minn persuna oħra allura kelli niġi trasferit ġo kamra oħra. Kien hemm tfajla Franċiża fil-kamra. Jiena mort biex nixrob xi ftit ilma minn ġo din il-kamra u għamilt kuntatt magħha, mhemmx, small talk iġifieri ma kienx hemm xi diskursata fit-tul. … Qatt ma ndunajt jew ħassejt li kien hemm xi problema. Jiena kont sejjer lejn is-sodda tiegħi, ma kelli l-ebda intenzjoni. Imbagħad rajtha qed iċċempel jew tirċievi jew tagħmilha hi t-telefonata imma kienet fuq il-mobile phone. Qadt indur fil-guest house, tlajt fuq il-bejt, fil-kuritur. Imbagħad xil-għaxra u nofs ġew il-pulizija u pprovajt infehmhom li jiena m'għamilt xejn u wara li għedtilhom li m'għamilt xejn, ġejt arrestat.* L-imputat caħad li f'xi ħin huwa mess il-parti tiegħu fil-presenza ta' l-allegata vittma u stqarr ukoll li għalih huwa normali li meta jidħol fil-kamra jagħlaq il-bieb warajh. Fir-rigward tal-konversazzjoni li ipprova jżomm ma' l-allegata vittma, l-imputat iddikjara li din damet ftit minuti biss għaliex meta ra li kienet qed tuża l-

[16] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Ġunju 2024, fol. 58 sa' 60 tal-proċess.

mobile phone tagħha huwa resaq u hi ħarġet. Dwar kif kien qiegħed fil-kamra stqarr *is-sodda tagħha kienet fuq il-lemin, is-sodda tiegħi kienet fuq il-lemin, u jiena kont qiegħed fin-nofs ftit lejn ix-xellug. Jiena kont f'nofs il-kamra, naqra lejn il-lemin, naqra lejn ix-xellug.*

**Imputazzjonijiet:**

Bl-**ewwel imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu l-imputat qed jiġi mixli talli fil-lejl ta' bejn it-2 ta' Ġunju 2024 u t-3 ta' Ġunju 2024, ġewwa Hostel On, Triq Sir Adrian Dingli u/jew fi bnadi oħra fil-gżejjer Maltin: (1) Bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Alice Dinewow Laurine kontra l-volontà tagħha, jew ta l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew isskewestrata.

Huwa evidenti li l-Prosekuzzjoni qed tixli lill-imputat bir-reat ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-liġi ai termini ta' l-Artikolu 86 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema provvediment tal-Liġi jipprovdi li: *Kull min, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, jeħel meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa' sentejn: Iżda, il-qorti tista', fil-każijiet ħfief, tagħti l-piena ta' priġunerija minn xahar sa' tliet xhur jew il-multa.*

Fir-rigward ta' l-elementi tar-reat previst fl-Artikolu 86 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Omissis, Seydou Bandaogo, Att ta' l-Akkuża 8/18**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-26 ta' Jannar 2021, fejn ġie osservat illi *l-Professur Sir Anthony Mamo (Notes on Criminal Law [1953 edit.] [Part. II p.40] meta jkun qed jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni jgħid:- the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: "il reato preveduto nell'articolo 169 (our section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro". (Roberti - Ibid, para 323). ... Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in a place; or may be detained in his own house without having been previously arrested. Illi allura sabiex ir-reat tas-sekwestru tal-persuna jikkonfigura, trid tirriżulta l-privazzjoni ta' persuna mill-libertà personali tagħha u dan mhux biss meta dik il-persuna tittieħed forzatament minn post għall-ieħor, imma anke meta tiġi miżmuma kontra l-volontà tagħha milli tiċċaqlaq għal xi ħin jew tiġi msakkra x'imkien. Biex ikun hemm ir-reat ta' arrest illegali kontemplat fl-artikolu 86 tal-Kap.9, irid jirriżulta li l-vittma ġiet imwaqqfa, miżmuma jew meħuda minn post għall-ieħor kontra l-volontà tagħha, u s'intendi mingħajr awtorità leġittima. Bl-awturi, fosthom l-Antolisei u l-Maino, iqisu li sabiex jissussisti dan ir-reat mhux biss il-vittma trid tkun ġiet imċaħda b'mod assolut mill-libertà tagħha biex b'hekk ma jkunx hemm possibilità ta' ħarba jew sokkors, iżda wkoll illi tali privazzjoni tal-libertà trid tkun ipperdurat għal perijodu ta' ħin u mhux jekk dan jkun momentanju biss.*

Il-Qorti ħasbet fit-tul fuq din l-imputazzjoni partikolari dedotta fil-konfront ta' l-imputat fid-dawl tal-provi prodotti u tqis li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa ħati ta' tali imputazzjoni.

Fir-rigward tal-livell ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmel Attard**, pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-23 ta' Mejju 2023, fejn ingħad illi *huwa prinċipju bażiku ipprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali, li sabiex l-imputat jiġi dikjarat ħati, l-akkuża dedotta, għandha tiġi ppruvata oltre kull dubbju dettat mir-raġuni. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (5 ta' Diċembru 1997) fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Peter Ebejer" fejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn Lord Denning fil-każ Miller v Minister of Pension - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.' "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence, 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice."*

Huwa fatt inkontestat li l-imputat u l-allegata vittma kellhom sodda allokata lilhom fl-istess kamra fl-On Hostel. Tamara Sanchez Garcia stqarret illi l-allegata vittma kellha s-sodda numru 3, filwaqt li l-imputat kellu s-sodda numru 5. Huwa fatt daqstant ieħor inkontestat li ftit wara li l-imputat daħal fil-kamra in kwistjoni, huwa għalaq il-bieb. L-allegata vittma stqarret li hija ma tafx għalfejn l-imputat għalaq il-bieb, filwaqt li huwa ddikjara li għalih huwa normali li meta jidħol fil-kamra fejn ikun qed jalloġġja, jagħlaq il-bieb warajh. Sa' hawn frankament il-Qorti ma tirraviżax l-elementi meħtieġa għar-reat previst fl-Artikolu 86 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għar-raġuni li in verità ma hemm xejn stramb u wisq inqas sinistru li persuna li talloġġja, jew fil-każ in eżami għandha sodda allokata għaliha f'kamra, tagħlaq il-bieb meta tkun fl-istess kamra.

Hemm qbil ukoll li meta l-imputat daħal fil-kamra u sab lill-allegata vittma, huwa ipprova jaqbad konversazzjoni magħha, konversazzjoni din li rriżultat xejn faċli għar-raġuni li entrambe ma jitkellmux Ingliż u ma setgħux jifhmu jew ifehmu lil xulxin. In fatti din l-hekk imsejħa konversazzjoni kienet iktar ħaġa ġestwali milli verbali u huwa hawn fejn il-Qorti tqis li l-każ tal-Prosekuzzjoni kontra l-imputat huwa l-iktar dgħajjef in kwantu tqis li dan kien każ għalkollox mibni fuq *misundertanding* u anke *misinterpretation* ta' l-azzjonijiet ta' l-imputat da parte ta' l-allegata vittma, f'mument fejn hi già kienet imdejqa bl-ambjent ta' ġo l-On Hostel, u dan għal raġunijiet għal kollox indipendenti mill-imputat, u b'hekk setgħet kienet qed tara kollox b'mod suspettuz u kienet diffidenti minn kollox.

Il-kamra in kwistjoni rriżulta li fiha sitt sodod b'kollox u a detta ta' Mustapha Assi l-istess kamra mhux xi kamra kbira ħafna, filwaqt li l-imputat huwa raġel twil ħafna - fatt dan ta' l-aħħar li setgħet tirriskontrah il-Qorti stess. L-Ispettur Attard ukoll qal li għad li l-kamra kien fiha sitt sodod, kienet biss ftit iktar min-normal. Hekk kif l-imputat għalaq il-bieb tal-kamra u resaq lejn l-allegata vittma, moviment dan ta' l-aħħar li frankament seta' anke kien l-imputat qed jersaq lejn is-sodda allokata lilu, ossia s-sodda numru hamsa, ġie li mela l-ispazju li kien hemm. Mir-ritratt Dok. "RA5"

a fol. 29 tal-proċess esebit mill-Ispettur Roderick Attard, jirriżulta li s-sodod huma ferm viċini għal xulxin u b'hekk ladarba l-allegata vittma kienet ħdejn is-sodda allokata lilha, is-sodda numru 3, u l-imputat resaq iktar viċin tagħha biex ikellimha, huwa ovvju li f'dak l-ispazju limitat hija ħassitha kemm xejn magħluqa imma b'daqshekk ma jfissirx li l-imputat kien b'xi mod qed iżommha ġewwa dik il-kamra intenzjonalment u b'intenzjoni ħażina, u kontra l-volontà tagħha. Tant hu hekk li hekk kif ra lill-allegata vittma tuża l-mobile phone tagħha, huwa mill-ewwel resaq min-nofs u ħalliha tgħaddi u effettivamente ħarġet il-barra mill-kamra.

Dan l-inkontru kollu ma damx wisq iktar minn seba' minuti, li minnhom mhux il-ħin kollu l-imputat kien viċin ta' l-allegata vittma b'mod li skontha ma setgħetx tiċċaqlaq minn fejn kienet. B'hekk ma jistgħax jingħad li din is-sitwazzjoni damet għal xi ħin apprezzabbli. Fattur ieħor li jimmilita kontra l-posizzjoni tal-Prosekuzzjoni huwa li għalkemm l-allegata vittma stqarret li l-imputat kien qed imiss il-parti tiegħu waqt li kien qed ikellimha u skontha jħares lejha b'mod stramb, u rrakkontat dan il-fatt b'mod li tat lil dak li jkun, inkluż lil Solene Delapas u lil PS455 Gabriel Bugeja, l-impressjoni li l-istess imputat kien qed jagħmel xi avvanzi sesswali lejha waqt li kien qed jimblokkaha ġewwa l-kamra, mix-xhieda ta' l-istess allegata vittma quddiem il-Qorti ħareġ illi l-imputat mess il-parti tiegħu minn fuq il-ħwejjeġ għal xi ħames sekondi, l-iktar l-iktar seba' sekondi, kwindi hawn ukoll mhux xi tul ta' ħin partikolari, u fl-ebda ħin ma pprova jmissha jew jagħmel xi avvanz għal fuqha.

Fid-dawl ta' dan kollu u bl-applikazzjoni tal-buon sens, il-Qorti ma hijiex affattu moralment konvinta minn dak li trid tipprova l-Prosekuzzjoni u per konsegwenza tqis li ma tistax issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Bit-**tieni imputazzjoni** imputazzjoni dedotta kontrih, l-imputat qed jiġi mixli talli: (2) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, issoġġetta lil Alice Dinewow Laurine għal xi att ta' intimità fiżika u/jew talab favuri sesswali mingħand il-persuna msemmija. Huwa evidenti li hawn il-Prosekuzzjoni qed tixli lill-imputat bir-reat ta' fastidju previst fl-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament fis-subparagrafi (ċ) u (d) tas-subartikolu (1) ta' l-imsemmi provvediment tal-Liġi.

L-Artikolu 251A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Persuna li: (a) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra; jew (b) iġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna; jew (ċ) <u>tissoġġetta lil persuna oħra għal xi att ta' initimità fiżika</u>; jew (d) <u>titlob favuri sesswali mingħand persun oħra</u>[17]; jew (e) tissoġġetta lil persuna oħra għal xi att u, jew imġiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħu raġonevolemnt jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha, tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu.*

Is-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi jipprovdi li: *Għall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qiegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġiba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imġiba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.*

---

[17] Sottolinear tal-Qorti in kwantu dawn huma l-provvedimenti rilevanti għall-finijiet tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat.

Fir-rigward ta' dan l-Artikolu tal-Liġi ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Norman Bugeja**, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-4 ta' Ottubru 2022 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'sentenza pronunċjata fit-18 ta' April 2024, fejn ingħad illi *dan l-Artikolu għandu applikabilità pjuttost wiesa' li jinkorpora kull att jew ġest ta' konnotazzjoni sesswali li seta' kien spjaċevoli għal min kien qed jissubih. ... Il-Qrati nostrani kellhom diversi okażżjonijiet fejn trattaw dawn it-tip ta' reati fosthom fil-proċeduri bl-ismijiet "Il-Pulizija v. Ahmad Yassine" deċiża fit-8 ta' Jannar 2020, fejn il-Qorti ta' l-Appell qalet is-segwenti: "Illi mal-promulgazzjoni ta' dan ir-reat, il-leġislatur fittex sabiex tiġi ssanzjonata dik l-imġieba li tista' toħloq fastidju, għalkemm l-ebda definizzjoni ma tingħata lil dan it-terminu legali. ... Illi minn qari ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi għandu joħroġ illi l-awtur tar-reat irid ikollu l-intenzjoni illi joħloq fastidju lill-vittma tiegħu bl-imġieba tiegħu. Tant hu hekk illi din l-intenzjoni tissarraf f'imġieba volutament ripetuta u intenzjonata sabiex iddejjaq u tivvessa..." Illi wkoll fl-istess sentenza saret referenza għat-tifsira tal-fastidju mill-ġurista Blackstone fejn jgħid illi: "... it-terminu legali fastidju (bl-Ingliż Harassmet) ġie definit mill-Balck's Law Dictionary - (7th edit.) bħala: "Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", ... dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jiġi konsidrat "in isolation" b'riferenza biss għall-każ mertu tal-kawża imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta' l-aġir preċedenti tal-ġudikabbli. Dan għaliex kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija v. Alan Caruana Carabez" [21.6.07]:- "... f'każijiet bħal dawn ir-retroxena għal kull inċident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-inċident iżolat u aċċidentali minn aġir abitwali ta' fastidju fuq perijodu ta' żmien".*

Issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Nadim Mharam Abdul Gader Mharam**, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta' April 2024, fejn ingħad illi: *Dwar l-element kostituttiv tar-reati kemm taħt l-artikolu 251A kif ukoll taħt l-artikolu 251B tal-Kap. 9, huwa paċifiku fl-insenjament ġurisprudenzjali in materja illi jeħtieġ li jintwera li "l-imgieba" tal-aġent tar-reat tammonta għal a course of conduct. Dan hu deżumibbli mill-użu speċifiku tal-kelma "imgieba" f'dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet legali kif ukoll, kwantu għar-reat taħt l-artikolu 251B tal-Kap. 9, mill-kliem tal-ligi: "... lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk lokkażjonijiet". In kwantu għar-reat taħt l-artikolu 251A tal-Kap. 9, l-element tal-kondotta ripetuta huwa inerenti fit-tifsira nnifisha tal-kelma fastidju. Fir-rigward tal-prova tal-element materjali ta' a course of conduct, intqal hekk f'Blackstone's Criminal Practice (2012 Ed.):- "Establishing a course of conduct, rather than a series of unrelated acts, is crucial to the success of any prosecution for harassment, and 'it is the course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual instances of conduct' (Iqbal v Dean Manson (Solicitors) [2011] EWCA Civ 123 per Rix LJ at [45]). The matters said to constitute the course of conduct amounting to harassment must be ... so connected in type and in context as to justify the conclusion that they amount to a course of conduct (Patel [2005] 1 Cr App R 440; Pratt v DPP (2001) 165 JP 800; C v CPS ). The fewer and further apart the incidents, the less likely it is that they will be so regarded, but circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct' (Lau v DPP [2000] Crim LR 580)." ... Illi kwantu għar-reat tal-fastidju taħt l-artikolu 251A tal-Kap. 9, Blackstone's Criminal Practice (2012 Ed.) jiddeskrivi l-kondotta li tikkostitwixxi l-fastidju hekk: "'Harassment' is generally understood to involve improper oppressive and unreasonable conduct that is targeted*

*at an individual and calculated to produce the consequences described in s. 7. By s. 1(3) of the Act (see B2.143), reasonable and/or lawful courses of conduct may be excluded. The practice of stalking is arguably the prime example of harassment (Curtis [2010] 1 Cr App R (S) 193) but a wide range of other actions could, if persisted in, be so categorised. A course of conduct which is unattractive and unreasonable does not of itself necessarily constitute harassment; it must be unacceptable and oppressive conduct such that it should sustain criminal liability. See Majrowski v Guy's & St Thomas's NHS Trust [2007] 1 AC 224, per Lord Nicholls at [30]. Harassment includes negative emotion by repeated molestation, annoyance or worry. The words 'alarm and distress' are to be taken disjunctively and not conjunctively, but there is a minimum level of alarm or distress which must be suffered in order to constitute harassment."*

Meta l-fatti tal-każ in eżami jiġu kkunsidrati fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġuridiċi li jirregolaw ir-reat previst fl-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema reat kif ingħad jirrikjedi biex jissussisti fost affarijiet oħra *a course of conduct*, huwa evidenti li l-imputat ma jistax jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u dana billi l-inċident in kwistjoni, li skond l-imputazzjoni stess seħħ fil-lejl ta' bejn it-2 ta' Ġunju 2024 u t-3 ta' Ġunju 2024, kien inċident iżolat u ta' darba biss, li per di più ma ppredurax fuq tul ta' żmien, hekk kif joħroġ ferm ċar mix-xhieda ta' l-istess allegata vittma.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk u fid-dawl ta' dan kollu osservat, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-ħtija ta' l-imputat għat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, u b'hekk ma jistax jinsab ħati ta' tali imputazzjoni hekk dedotta kontrih.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddikjara li mhux qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah mill-imputazzjonijiet hekk dedotti kontrih.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**